**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 355/2024 MS*

**Nicole Cannataci**

**Vs.**

**Videoslots Ltd**

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Kawża Numru: 12

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fit-3 t'April, 2012, li bih, wara li ppremettiet hekk:

> Illi bdiet taħdem mas-soċjeta *Videoslots Ltd.* f'Novembru tas-sena 2021 u kienet tokkupa l-pożizzjoni ta' *Senior Legal and Compliance Manager*;
>
> Illi l-rwol tagħha fi ħdan is-soċjeta intimata poġġiha direttament taħt kemm il-*Head of Legal and Compliance* kif ukoll il-*General Counsel* fil-ġerarkija organizzattiva;

Illi matul l-impjieg tagħha, hija għaddiet minn diversi episodji fejn ġiet trattata b'mod mhux xieraq. Dan l-aġir kien detrimentali ħafna u kellu impatt negattiv għall-ahhar fuq l-istat mentali taghha;

Illi matul l-impjieg tagħha, ix-xogħol li kienet tagħmel ma kienx jirrifletti l-irwol tagħha fil-kumpanija, u dan wassal għall-tfixkil u diżordni fit-tim, minkejja li pruvat tiċċara x'kellu jkun xogħolha mal-*managers* tagħha;

Illi matul l-impjieg tagħha mas-soċjeta intimata hija ġiet soġġetta għal abbuż verbali u *bullying,* li laħaq il-qofol tiegħu fir-riżenja tagħha fil-31 ta' Lulju 2023. Dan l-abbuż, ikkaratterizzat minn lingwaġġ degradanti, manipulattiv, u dispreġġjattiv, mhux biss sar fil-preżenza tal-kollegi tagħha iżda ukoll f'interazzjonijiet privati mal-maniġer tagħha;

It-trattament degradanti li ġarrbet waqt l-impjiet tagħha mal-kumpanija kellu impatt profond fuq is-saħħa mentali tagħha u l-kunfidenza tagħha fuq il-post tax-xogħol. L-espożizzjoni kostanti għall-abbuż verbali u l-*bullying* naqset l-istima tagħha nfisha, u ħallieha tiffaċċja sentimenti ta' nuqqas ta' valur u dubju fil-kapaċitajiet professjonali tagħha. Dan l-ambjent tax-xogħol tossiku rawwem atmosfera ta' biża' u ansjetà, fejn hija kienet tħossha il-ħin kollu ' on edge' filwaqt illi ttantiċipa l-istanza li jmiss ta' trattament ħażin. Kundizzjonijiet bħal dawn huma magħrufa li jikkontribwixxu għal kwistjonijiet serji ta' saħħa mentali, inklużi stress, ansjetà, u dipressjoni;

Illi minħabba dan kollu u t-trawma psikoloġika u emozzjonali li ġarrbet kellha tfittex l-għajnuna professjonali mingħand l- psikoterapista Dr Marie Bezzina Xuereb li ħarġet rapport iddettaljat fuq il-kundizzjoni mentali fraġili tagħha. Dan ir-rapport huwa mehmuż u mmarkat hawnhekk bħala Dok A;

Illi, hekk kif huwa indikat f' Dok A, hija ġiet dijanjostikata b' *adjustment disorder* kkawżata minn episodji ta' stress qawwija li esperjenzat fl-ambjent tax-xogħol, u sintomi li jikkoinċidu mal-kriterji dijanjostiċi ta' *post traumatic stress disorder*;

Illi s-soċjeta' intimata naqset milli taqdi dmira u ħalliet dan l-abbuż u l-fastidju għaddej b'mod għal kollox negliġenti, minkejja li r-rikorrenti kienet tkellmet mad-dipartament tal-*Human Resources*, illi kienu wegħdu li ser jinvestigaw dan l-abbuż sabiex ma jippersistix;

Illi wara lir-rikorrenti rriżenjat mil-kariga tagħha, is-soċjeta' intimata ma ħolqot ebda konsegwenzi fil-konfront tal-persuna li primarjament kienet qiegħdha toħloq dan l-abbuż. Għall-kuntrarju, din il-persuna ġiet promossa għal pożizzjoni ogħla;

Illi l-abbuż ippersista anke wara r-riżenja tar-rikorrenti għaliex hija ġiet infurmata minn diversi eks-kollegi li għadhom jingħaddu kummenti difamatorji u mhux xierqa fil-konfront tagħha minkejja li m'għadiex impjegata u m'għadiex tkun preżenti fl-uffiċini tas-socjeta' intimata;

Illi b' riżultat dirett tal-esperjenza negattiva li kellha matul dan l-impjieg, hija spiċċat tiddubita lilha innifisha u dan kollu kellu impatt fuq il-ħajja ta' kuljum tagħha minħabba li kontinwament tiftakar f'dawn l-episodji trawmatiċi; u,

Illi r-rikorrenti m'hiiex l-ewwel impjegata li ma kienetx sodisfatta bit-trattament minn din il-kumpanija, u bħala provi ta dan hawn anness bħala Dok B diversi *screenshots* mehudin ta' reviżjonijiet negattivi li tħallew minn diversi impjegati. Dawn jikxfu n-nuqqas ta' rispett, ta' integrita u professjonalita tal-mod ta' kif is-soċjeta intimata tagħżel li tittratta l-impjegati tagħha.

l-attriċi għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta' intimata *Videoslots Ltd.* hija responsabbli għall-kontinwazzjoni ta' abbuż li seħħ fuq il-post tax-xogħol tagħhom, illi kkawża lir-rikorrenti ħsara u trawma emozzjonali;

2. Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mir-rikorrenti għall-ħsara psikoloġika u tbatija emozzjonali kkawżata mill-ambjent għal kollox tossiku li offriet s-soċjeta intimata;

3. Tillikwida t-telf finanzjarju li rriżulta mill-interventi mediċi li kellha tattendi ma' professjonisti;

4. Tillikwida l-ħsara reputazzjonali li saret u li għadha qed issir fil-konfront tar-rikorrenti mill-ħaddiema tas-soċjeta intimata anke wara r-riżenja, u d-danni li possibilment soffriet ir-rikorrenti bħala riżultat ta' dan; u,

5. Tiddikjara lis-soċjeta intimata responsabbli għall-ispejjez legali insegwenti ta' din il-kawża.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fit-3 ta' Mejju 2024, li biha din eċċepiet:

   1. Illi, preliminarjament, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi n-nullità tal-proċeduri odjerni stante li l-avviż ma ġiex inkluż fir-rikors promotur skont kif meħtieġ a tenur tal-artikolu 156(1)(d) tal-Kap tal-Liġijiet ta' Malta, u inoltre, it-talbiet attriċi jonqsu milli jindikaw l-proviżjoni legali illi fuqhom huma msejsa; għaldaqstant stante li tali formalitajiet u rekwiżiti essenzjali huma nieqsa mir-rikors tal-attriċi, il-proċeduri odjerni irendu ruħhom nulli *ab initio.*

   2. Illi, fit-tieni lok, u preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjetà konvenuta teċepixxi bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tisma l-kawża odjerna stante li tirrigwarda espressament l-impjieg tal-attriċi u t-terminazzjoni tagħha u kwistjonijiet konnessi mal-istess, liema materja taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklussiva u unika tat-Tribunal Industrijali ai termini tal-artikolu 75(1)(a) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

   3. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, qed jiġi eċċepit illi t-talbiet attriċi huma pjenament infondati kemm fil-fatt u kemm fid-dritt.

   4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, in-natura tad-danni mitluba mill-attriċi bl-ebda mod ma jikkostitwixxu danni attwali, iżda danni ta' natura morali, li jistgħu biss jiġu akkordati f'ċirkostanzi strettament limitati a tenur tal-artikolu 1045 tal-Kap 16, u dan in konnessjoni ma' konsegwenzi ta' reati speċifiċi, li ċertament ma huwiex il-każ fil-proċeduri odjerni.

   5. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għal dak fuq rilevat, is-soċjetà konvenuta tissottometti illi l-ebda danni ma ġew ikkawżati minnha jew altrimenti kawża ta' xi azzjoni jew ommissjoni tagħha.

   6. Illi l-quantum tad-danni mitluba mill-attriċi ma huwiex indikat u jrid jiġi ippruvat u sussegwentament jiġi ikkontestat fl-intier tiegħu.

   Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjeż kollha kontra l-attriċi li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

3. Rat li waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2024, din il-Qorti ordnat illi qabel xejn jiġu trattati u deċiżi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

4. Rat l-atti proċesswali fl-intier tagħhom, kompriżi d-dokumenti preżentati mill-kontendenti;

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti;

6. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenuta;

Ikkunsidrat:

7. Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, il-konvenuta trid li l-Qorti ssib li l-att li bih tressqet din il-kawża huwa null billi l-attriċi naqset milli tinkludi l-avviż meħtieġ skont l-artikolu 156(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kif ukoll għaliex l-attriċi naqset milli tindika d-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom hija msejsa l-azzjoni tagħha.

8. Huwa minnu li r-rikors ġuramentat tal-attriċi ma fihx l-avviż li trid il-liġi.

9. L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji hija regolata mill-artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jgħid hekk:

> (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata-
> (a) Jekk in-nullità hija iddikjarata mil-liġi espressament;
> (b) jekk l-att jinħareġ minn qorti mhux kompetenti;
> (ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;
> (d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:
>
> Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas

> jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi.
>
> (2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ), ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità.

10. F'każ simili għal dak tal-lum, ġie deċiż li l-partikolarità meħtieġa taħt l-artikolu 156(1)(d) m'hijiex waħda «essenzjali» fit-termini tal-artikolu 789. Kif ġie osservat fid-deċiżjoni ***Diane Vella et vs. Medserv Operations Limited***[1]:

> Ċertament fir-rikors hemm nuqqas ta' "partikolarità meħtieġa mil-liġi", iżda l-partikolarità nieqsa hija waħda "essenzjali"?
> Il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali; ma humiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu parti mezz biex tevadi l-obbligi tagħha jew biex taħli l-ħin. Kull partikolarità li trid il-liġi tkun "essenzjali" meta n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u irremedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi tal-proċedura msemmija fuq. Fil-każ tallum ma hemm xejn minn dan, mhux biss għax in-nuqqas seta' kien rimedjat, skond il-proviso ta' l-art. 789(1), bi provvediment taħt l-art. 173 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda multo magis għax lanqas għadu meħtieġ provvediment bħal dak billi n-nuqqas ma ħalla ebda konsegwenza ta' preġudizzju għas-soċjetà konvenuta.

11. L-istess fehma kienet espressa fid-deċiżjoni ***Webcraft Limited vs. Evan Cumbo***[2].

12. Illi d-difett sollevat mill-konvenuta għalhekk huwa wieħed ta' vjolazzjoni fil-forma, li dwaru l-liġi tgħid ukoll li l-eċċezzjoni ma tkunx tajba kemm-il darba dak in-nuqqas ma jkunx wassal għal xi preġudizzju lill-parti l-oħra li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att innifsu.

[1] Prim'Awla, 31/10/2008.
[2] Prim'Awla, 10/6/2015.

13. Ma jirriżultax lill-Qorti li n-nuqqas taħt eżami ġab xi preġudizzju lill-konvenuta, tant li l-konvenuta mingħajr dak l-avviż xorta waħda ressqet ir-risposta ġuramentata tagħha fiż-żmien li trid il-liġi, u għalhekk ebda preġudizzju ma ġie mġarrab minnha.

14. Fid-dawl ta' dan, l-eċċezzjoni tan-nullità minħabba ksur tal-artikolu 156(1)(d) mhux qed tiġi milqugħa.

15. Il-konvenuta tgħid ukoll li n-nuqqas tal-attriċi li tindika d-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqha hija bbażata l-azzjoni tagħha wkoll huwa nuqqas li jwassal għan-nullità tal-att. Din il-Qorti diġà kellha okkażjoni tqis eċċezzjoni simili fid-deċiżjoni ***Anthony Foca et vs. Lawrence Abela et*** (12/1/2024), meta osservat hekk:

> Din il-qorti jidhrilha li mkien fil-liġi tal-proċedura ma nsibu li l-attur għandu jispjega liema dritt sostantiv qiegħed jinvoka fir-rikors ġuramentat tiegħu. Dak li trid il-liġi, fost ħwejjeġ oħra, huwa li l-attur ifisser b'mod ċar l-oġġett tal-kawża kif ukoll ir-raġuni tat-talba jew talbiet tiegħu. Din il-qorti jidhrilha li biex dan isir, mhux meħtieġ li l-atturi b'mod espliċitu jfissru id-dritt sostantiv jew inkella jindikaw id-dispożizzjoni tal-liġi li fuqha qed jistitwixxu l-kawża tagħhom.

16. Biex parti f'kawża tindika r-raġuni tat-talba tagħha mhux neċessarju li hija tindika xi dispożizzjoni tal-liġi partikolari. Wara kollox, *ubi lex voluit, dixit*, u allura kieku l-liġi riedet dak li qed teċċepixxi l-konvenuta, dan kienet tgħidu.

17. Għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta se tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

18. Illi bit-tieni eċċezzjoni tagħha, l-konvenuta ssostni li dina l-Qorti m'għandhix il-kompetenza *rationae materiae* sabiex tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-attriċi, billi skont l-artikolu 75(1)(a) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, dik il-kompetenza hija esklussivament vestita fit-Tribunal Industrijali.

19. Fid-dottrina tal-proċedura ċivili, ġie awtorevolment miżmum li: «*Abbiamo quindi due ordini di competenza: il primo comprende le competenze per ragione di materia, di*

*valore e di grado, che vengono complessivamente designate col nome di competenze* assolute*, perchè istituite direttamente nell'interesse pubblico, pel bene assoluto dell'amministrazione della giustizia; il secondo è costituito dalla competenza per ragione di* territorio*, che si dice anche competenza* relativa*, siccome quella, che è determinata nell'interesse precipuo e diretto delle parti contendenti. Ora, poichè è principio – da un lato che «*privatorum conventionibus jus publicum infringi non potest*» - d'altro canto che «*unicuique licet juri pro se introducto renuntiare*» - dobbiamo ritenere che i privati non possono coi loro accordi sottrarsi alle norme che governano la competenza assoluta, ma hanno facoltà di derogare per patto espresso o tacito alle disposizioni della legge che concernano la competenza territoriale*»[3]. Il-mod kif il-leġiżlatur jirregola l-kompetenza *rationae materiae* tista' tvarja naturalment minn materja għall-oħra. «*Alcune controversie sono riservate esclusivamente a determinati giudici, o per la speciale natura del rapporto giuridico controverso o per facilitare la conciliazione o per altre ragioni. Nel regolare questa competenza, la legge può comportarsi in più modi. Può cioè avere riguardo* soltanto *alla natura del rapporto, senza alcun riguardo al valore della causa: oppure combinare i due criterii della* materia *e del* valore. *Può ancora affidare la competenza speciale per materia a taluno degli organi* ordinarii *della giurisdizione: oppure affidare la competenza speciale ad organi* speciali»[4].

20. Meta tiġi sollevata kwistjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae*, huma tnejn il-prinċipji ewlenin li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha. L-ewwel prinċipju huwa li l-kompetenza għandha tiġi determinata skont it-talba u l-kawżali tat-talba dedotti fl-att promotur. Kif osservat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Għajn Construction Limited vs. Carmelo Sciberras*** (14/12/2011): «*Kif ġjà ssemma, l-kompetenza ta' Qorti jew Tribunal tiġi determinata skond it-talba ta' min jipproponi l-kawża u f'dik odjerna huwa ċar li s-soċjeta attriċi qed tallega li l-konvenut m'għandu ebda titolu; għalhekk skond l-istess soċjeta' attriċi ma teżisti ebda relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet. Għalhekk hija din il-Qorti li hija kompetenti biex tiddeċiedi l-kawża;naturalment sta għall-konvenut jipprova li hu għandu t-titolu li huwa qed jallega li għandu*». Fl-istess sens huma d-deċiżjonijiet ***Annunziata Farrugia et vs. Crocefisso***

[3] ***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (Torino, 1902), Vol.I, §12.
[4] ***Chiovenda***, Principii di Diritto Processuale Civile (Napoli, 1928), paġna 513.

***Gauci et*** (Prim'Awla, 11/7/2011) u ***Tourist Services Limited vs. Arali Enterprises Limited et*** (Prim'Awla, 4/11/2011). Huwa biss eċċezzjonalment li l-kompetenza tiġi determinata anki b'riferenza għall-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut (ara f'dan is-sens ***Maresco (Trading) Limited vs. San Lawrenz Leisure Resort Limited***, Appell Inferjuri, 22/3/2006).

21. It-tieni prinċipju hu li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jagħtu kompetenza dwar materja partikolari lil xi tribunal speċjali għandhom jiġu interpretati ristrettivament, għaliex dawn jikkostitwixxu deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-Qrati (ara f'dan is-sens id-deċiżjoni ***Enriketta Bonnici et vs. Gordon Borg***, Appell Inferjuri, 4/12/2013).

22. L-artikolu 75(1)(a) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jipprovdi hekk:

> 75.(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –
> (a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;
> ...

23. Huwa minnu li, kif tgħid il-konvenuta, kwistjonijiet fejn ħaddiem jilmenta li huwa ġie mkeċċi inġustament jidħlu sewwasew fil-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Dan jgħodd ukoll fejn it-tkeċċija ma tkunx waħda li saret espressament mill-prinċipal, imma tkun seħħet bir-riżenja tal-ħaddiem li però jkun ġie mqiegħed mill-prinċipal f'sitwazzjoni intollerabbli li ma ħallitlux għażla ħlief li jirriżenja (*constructive dismissal*). Fil-fatt il-Qrati tagħna ilhom minn żmien twil li aċċettaw li meta l-ħaddiem jitqiegħed fl-impossibilità li jkompli fl-impjieg tiegħu, dan jekwivali għal tkeċċija (ara, per eżempju, ***Concetta Agius vs. Carmelo Agius Fernandez***, Kummerċ, 30/4/1910[5]).

24. Il-ġurisprudenza tagħna stabbiliet b'mod ċar li lmenti bħal dawn jaqgħu fil-kompetenza tat-Tribunal Industrijali (ara, per eżempju, ***Anne Bharwani vs. MIM Training & Developments Services Limited***, Appell Inferjuri, 28/1/2008).

[5] Kollezz. Vol.XXI.iii.21.

25. Madanakollu, kif ingħad diġà, l-eċċezzjonijiet għall-ġurisdizzjoni ġenerali u residwa tal-Qrati ordinarji għandhom jingħataw interpretazzjoni dejqa. Kif rilevat mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Joseph Avellino vs. Citadel Insurance plc*** (12/7/2019):

> Kif ġustament josserva l-attur appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, ladarba l-ġurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali hija biss eċċezzjoni għall-ġurisdizzjoni ġenerali u aktar wiesgħa ta' dawn il-Qrati, l-imsemmija ġurisdizzjoni speċjali mnissla mill-provvedimenti ta' liġi speċjali, m'għandhiex titħalla toħroġ lil hinn mil-limiti stretti li huma maħsuba f'dik il-liġi speċjali. (Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-25 ta' Settembru, 2003, fil-kawza fl-ismijiet **Mary Doris Camilleri vs. St. Paul's Court Limited et.**).
> Hekk ukoll kif ritenut drabi oħra mill-qrati tagħna, s-setgħa tal-Qorti hekk imsejħa "ordinarja", li tisma' kawża mressqa quddiemha tibqa' sakemm ma jirriżultax li dik is-setgħa ġiet imneħħija b'mod espress permezz ta' provvediment tal-liġi.

26. Issa l-attriċi, fir-rikors maħluf tagħha, imkien ma titlob dikjarazzjoni li hija ġiet imkeċċija inġustament jew li kienet sfurzata tirriżenja minħabba t-trattament li ġarrbet mill-prinċipal tagħha (*constructive dismissal*). L-attriċi qiegħda titlob ir-riżarċiment ta' danni minħabba dak li hi ssejjaħ «*abbuż li seħħ fuq il-post tax-xogħol*». Fir-raġunijiet tat-talba tagħha, l-attriċi tirreferi għat-trattament li hija tgħid li ġarrbet fuq il-post tax-xogħol, u tgħid li «*s-soċjetà intimata naqset milli taqdi dmira u ħalliet dan l-abbuż u l-fastidju għaddej b'mod għal kollox negliġenti...*». L-attriċi għalhekk qed tgħid li kienet l-omissjoni min-naħa tal-konvenuta li tosserva d-dmirijiet tagħha li wassal biex hija ġarrbet il-ħsara li tgħid li ġarrbet.

27. Fil-fehma tal-Qorti, l-azzjoni attriċi m'hijiex waħda dwar tkeċċija inġusta *ut sic*. Il-pretensjonijiet tal-attriċi mhux marbuta mar-riżenja tagħha, iżda mat-trattament li hi tgħid li ssubiet qabel dik ir-riżenja u anki in segwitu tagħha. Fid-deċiżjoni ***Peter Sammut Briffa et vs. Maria Dolores Zammit et*** (Appell Inferjuri, 17/10/2002) intqal hekk:

> Din il-qorti ma taqbilx illi l-qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja ma għandhomx il-kompetenza biex jaqtgħu din il-kwistjoni għax hija mħollija fil-kompetenza tat-tribunal speċjali. It-tribunal speċjali għandu kompetenza limitata: għandu biss is-setgħa li jara għandux jagħti permess lil sid il-kera ta'

> raba' li jrid jibdel il-kondizzjonijiet tal-kiri jew irid illi ma jġeddidx il-kiri favur kerrej meta jintemm. Dan ma jfissirx illi kull meta tissemma l-kelma "kera" l-qrati ta' ġurisdizzjoni ordinarja jitilfu l-kompetenza. Jekk għad-determinazzjoni ta' kwistjoni quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja ikun meħtieġ illi qabel xejn tingħata tweġiba għall-kwistjoni inċidentali jekk il-konvenut huwiex kerrej jew le, il-qorti għandha wkoll is-setgħa li taqta' dik il-kwistjoni inċidentali. Din il-qorti ma taqbilx illi interpretazzjoni tal-liġi speċjali tal-kera jista' jagħtiha biss it-tribunal speċjali mwaqqaf taħt dik il-liġi; is-setgħa tal-qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja tieqaf biss meta l-kwistjoni tkun dwar jekk sid il-kera jistax jibdel il-kondizzjonijiet tal-kiri jew jistax ma jġeddidx il-kiri favur "kerrej" meta jintemm.

28. Skont id-deċiżjoni appena ċitata (li kienet tirrigwarda l-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera qabel l-emendi magħmula bl-Att X tal-2009 li wessgħu dik il-kompetenza), il-Bord kellu l-kompetenza limitata li jiddeċiedi jekk sid il-kera għandux il-jedd jirriprendi l-pussess tal-fond jew inkella jbiddel il-kondizzjonijiet tal-kera. Kwistjonijiet oħrajn li jmorru lil'hinn minn dawn iż-żewġ finalitajiet kienu allura jeżorbitaw mill-kompetenza tal-Bord. Il-fatt li kwistjoni oħra b'finalità jew skop differenti tkun takkludi fiha interpretazzjoni tal-liġi tal-kera ma twassalx biex teradika l-kompetenza residwa tal-Qrati, jew inkella li testendi l-kompetenza limitata ta' xi tribunal speċjali. Applikat dan it-tagħlim għall-każ odjern, għandu jsegwi li l-fatt li kawża ssir dwar "impjieg" jew dwar "post tax-xogħol", u l-fatt li għemil illeċitu jkun wassal għal "riżenja mix-xogħol", ma jwassalx biex il-Qorti ta' ġurisdizzjoni ordinarja titlef il-kompetenza tagħha u lanqas ma jwassal biex it-Tribunal Industrijali jikseb kompetenza akbar minn dik li l-liġi tiċċirkoskrivilu. La darba l-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti m'hijiex waħda dwar «tkeċċija inġusta» imma hija dwar l-adempiment tal-prinċipal mal-obbligazzjonijiet tiegħu, il-Qorti għandha xorta s-setgħa u d-dmir li tinterpreta l-liġi speċjali tal-impjiegi sa fejn din hi rilevanti għall-kawża quddiemha – fil-każ odjern, sabiex tara x'kienu d-dmirijiet tal-prinċipal lejn il-ħaddiem u jekk dawk id-dmirijiet ġewx osservati. Naturalment, il-Qorti ma tistax f'din il-kawża tiddeċiedi li l-attriċi tkeċċiet mill-post tax-xogħol, jew inkella li r-riżenja tagħha tekwivali għal tkeċċija. Dawn is-sejbiet huma b'liġi riservati espressament għall-kompetenza esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

29. Din l-azzjoni għalhekk, sa fejn tirrigwarda ħsara li l-attriċi tgħid li ġarrbet minħabba li l-konvenuta m'osservatx id-dmirijiet tagħha ta' prinċipal u mhux għaliex keċċietha mill-post tax-xogħol inġustament, saret sew quddiemha, billi tmur lil'hinn mill-kompetenza esklussiva iżda limitata tat-Tribunal Industrijali. Hawnhekk tista' ssir riferenza għad-deċiżjoni ***Simon Despott vs. Corinthia Palace Hotel Company Limited et*** (Appell Superjuri, 20/7/2020). Dan kien każ fejn l-attur kien qed jitlob riżarċiment ta' danni minħabba ksur ta' dmir mill-prinċipal tiegħu (f'dak il-każ, id-dmir li jipprovdilu ambjent tax-xogħol sikur u idonju għall-kondizzjoni ta' saħħa tiegħu). Fid-deċiżjoni tagħha, l-Qorti tal-Appell kienet sabet oġġezzjonabbli t-tentattiv tal-attur li jipprova jinkludi fit-talbiet tiegħu il-pretensjoni li huwa kien imġiegħel jirriżenja mix-xogħol tiegħu minħabba fil-ksur tad-dmir tal-prinċipal, u sostniet li dik il-pretensjoni, li kienet qed issir biss fl-appell u kienet tmur oltre dak dedott fl-att promotur tal-kawża, kienet ukoll tmur lil'hinn mill-kompetenza ordinarja tal-Qrati. Hekk ukoll, fil-każ odjern, din il-Qorti qed issib li sa fejn il-pretensjoni tal-attriċi hija waħda għar-riżarċiment tad-danni li hi tgħid li ġarrbet b'konsegwenza ta' ksur ta' dmir mill-prinċipal, dik l-azzjoni saret sewwa quddiemha. Però dan ifisser li l-attriċi hija assolutament prekluża milli tinkludi f'din il-kawża pretensjonijiet li ġejjin mill-konsegwenzi ta' riżenja allegatament imposta fuqha, u dan billi dawk il-pretensjonijiet m'humiex qed jitqiesu nklużi fl-att promotur tal-kawża, u lanqas ma jidħlu fil-kompetenza ta' din il-Qorti.

30. Il-Qorti għalhekk sejra tisma' u titratta din il-kawża bħala waħda għar-riżarċiment tad-danni li mpjegat qed tgħid li ġarrbet minħabba li l-prinċipal tagħha naqas mid-dmirijiet tiegħu. Issa jekk hux minnu li l-prinċipal kellu d-dmir li l-attriċi qed tgħid li kellu u jekk dak id-dmir inkisirx jew le hija kwistjoni li għad trid tiġi determinata wara li jinstemgħu l-provi fil-meritu.

31. Ir-riferenza li tagħmel il-konvenuta għall-artikolu 81(2)(a) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjoni Industrijali ma tbiddel xejn mill-konklużjoni milħuqa minn din il-Qorti. Dik id-dispożizzjoni tiffakoltizza lit-Tribunal Industrijali jillikwida d-danni reali u telf li jkun ġarrab il-ħaddiem b'konsegwenza tat-tkeċċija. Id-danni li l-attriċi qed titlob lill-Qorti tillikwida fil-kawża odjerna m'humiex dawk konsegwenzjali għal xi tkeċċija, imma dawk konsegwenzjali għat-trattament abbużiv li hija tgħid li soffriet u li l-konvenuta kienet fid-dmir li timpedixxi.

32. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, u tiċħad ukoll it-tieni eċċezzjoni, u filwaqt li tordna li l-konvenuta tbati l-ispejjeż kollha ta' din id-deċiżjoni, tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur